Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 12/2012AE

**Carmel u Maria Dolores konujugi Grech**

**Vs**

**Christopher Farrugia u Ruth Vella**

L-Erbgha, 24 ta' Frar 2016.

Permezz ta' rikors prezentat fit-12 ta' Jannar 2012 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), l-atturi talbu lill-qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuti jhallsuhom somma li tigi likwidata mill-qorti, hlas ghal xoghol ta' appalt rez fuq inkarigu taghhom kif ukoll apparat mixtri f'isimhom u illi ghadu ma kienx thallas.

Il-konvenuti wiegbu li t-talba hi infondata u sahqu illi huma ma kellhom ebda relazzjoni kutnrattwali jew mod iehor ma' l-atturi u qatt ma kienu talbuhom jaghmlu xi xogholijiet.

L-atturi appellaw mis-sentenza tal-ewwel qorti tas-16 ta' Dicembru 2013, fejn il-qorti laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u cahdet it-talbiet tal-atturi wara li osservat:

*"Il-Qorti ma tistax, l-ewwel u qabel kollox, ma tirrilevax illi l-kawza odjerna giet ippresentata wara illi l-intimati kienu bdew proceduri quddiem dina l-istess Qorti kontra Alfred Abela ghar-rifuzjoni tad-depositu minnhom mghoddi lill Alfred Abela, u ghalhekk l-genwinita' tal-premessi tar-rikorrenti kontro l-intimati huma certament dubjuzi.*

*Il-Qorti tirrileva wkoll illi, ghajr ghar-relazzjoni kuntrattwali illi kien hemm bejn ir-rikorrenti u l-intimati fil-ftehim tal-14 ta' Ottubru 2010, ma jezisti illi ma kien hemm ebda kitba kuntrattwali ohra bejniethom, u, la darba il-ftehim tal 14 ta' Ottubru 2010 gie sussegwentement rexiss, ghalkemm mhux indikat meta, u rimpjazzat b'konvenju direttament bejn l-intimati u Alfred Abela, ma jidher illi ma hemm ebda tip ta' konnessjoni kuntrattwali bejn ir-rikorrenti u l-intimati.*

*Il-Qorti tirrileva wkoll illi l-obbligi assunti mir-rikorrenti sabiex jaghmlu l-faccata tal-post illi kienu ser jixtru lintimati gie assunt minn Alfred Abela, illi huwa stess obbliga ruhu illi jaghmel l-istess lill-intimati. Ghalhekk, certament, il-fatt illi r-rikorrenti jitolbu l-hlas ta' xoghol fuq il-faccata li, aktar tard, obbliga ruhu illi jaghmilhom Alfred Abela, ma ghandu assolutament ebda bazi legali.*

*Il-Qorti tinnota illi, ghal dak li jirrigwarda l-appliances illi r-rikorrent jghid illi xtara, id-dokumentazzjoni minnu ppresentata turi illi, a kuntrarju ta' dak minnu pretiz, kien Alfred Abela illi attwalment xtara l-oggetti, peress illi l-Invoice inharget f'isem Alfred Abela u mhux fuq isem irrikorrenti. Dana id-dokument huwa l-ahjar prova li turi min attwalment xtara l-appliances, u jidher car illi f'ebda mument ma kienu r-rikorrenti li xtraw dawna l-appliances.*

*Il-Qorti tinnota wkoll illi ghal dak li jirrigwarda affarjiet illi r-rikorrent qal illi xtara jew irranga, bhalma kienu Geyser, hgieg u paraqua, jirrizulta ampjament ippruvat illi l-oggetti, li lkoll kienu ta' Alfred Abela*

*u mhux tar-rikorrenti, peress illi l-fond kien ghadu ta' Alfred Abela, baqghu fil-fond u eventwalment inbieghu mal-fond meta dina inbieghet minn Alfred Abela lill terzi fit-12 ta' Frar 2012.*

*Fl-ahhar nett, il-Qorti tosserva illi ghalkemm ir-rikorrenti ippresenta dokumentazzjoni sabiex jiggustifika t-talba tieghu ghas-senserija u imghax, jinghad illi imkien mid-dokumentazzjoni ma hemm provi sufficjenti illi tali hlasijiet saru in konnessjoni mal-ftehim maghmul fl-14 ta' Ottubru 2010 u eventwalment imhassar, u ghalhekk imkien ma huwa ippruvat.*

*Il-Qorti, f'dana l-istadju, ma tistax ma tosservax illi l-kawza odjerna hija tentattiv fjakk da' parte tar-rikorrenti sabiex ipattuha lill-intimati talli ma iffirmawx il-kuntratt finali mar-ragel ta' binthom, Alfred Abela, u huwa attentat sabiex jippruvaw ipacu l-ammont dovut minn Alfred Abela wara illi l-konvenju ma' l-intimati skada, li huwa ta' sebat elef u tlett mija ewkivalenti ghad-depositu illi kellu jigi ritornat, ma' ammont fittizzju illi r-rikorrenti immuntaw bil-ghan illi jitnaqqas konsiderevolment il-hlas dovut lill-intimati wara li l-konvenju skada minhabba f'difetti fit-titolu".*

## **Aggravji tal-appellanti**.

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti u dan meta kkonkludiet illi l-fond mertu ta' din il-kawza kien u baqa' proprjeta' ta' Alfred Abela u mhux ta' l-appellanti u li se mai l-ispejjez li saru, saru mill-istess Alfred Abela. Bid-dovut rispett din hija interpretazzjoni zbaljata tal-provi.

Illi huwa rrilevanti illi meta eventwalment il-fond mertu tal-kawza nbiegh lil terzi rega' deher Alfred Abela. Dan kellu jsir bilfors b'dan il-mod minhabba illi ma kienx ghadu sar att pubbliku ta' trasferiment bejn Abela u l-appellanti. B'danakollu dan ma jfissirx illi ghal Alfred Abela u l-appellanti l-fond mertu tal-kawza kien ghadu ta' Alfred Abela u kwindi jsegwi illi huwa logiku li l-ispejjez isiru mill-appellanti. Illi l-ebda kontestazzjoni ma saret mill-appellati dwar min effettivament ghamel l-ispejjez u lanqas eccezzjoni f'dan is-sens ma nghatat.

Illi b'referenza ghal dak li qalet l-Ewwel Qorti dwar l-*invoices* u cioe' illi hafna minn dawn huma f'isem Alfred Abela, ghandu jinghad illi tali dokumenti wahedhom m'humiex prova ta' min effettivament hareg il-flus.

Illi kif stabbilit fis-sentenza fl-ismijiet *Victor Portelli vs Mark Psaila*[1]*:*

> *"Illi fil-kaz prezenti, ma jidhirx li bejn l-imharrek u l-attur kien hemm ftehim miktub. Imma l-ligi ma titlobx li ftehim ta' appalt irid ikun bil-miktub biex ikun jghodd."*

Illi ghalhekk lanqas ma kellu jkun ta' ostakolu biex tirnexxi l-azzjoni odjerna illi m'hemmx ftehim bil-miktub bejn il-partijiet. Illi rrizulta mill-provi li tali ftehim ta' appalt sar verbalment.

## **Twegiba tal-appellati**.

[1] Deciza mill-Prim Awla per Onor. Imhallef J. R. Micallef fid-29 ta' Mejju, 2003.

Is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-16 ta' Dicembru, 2013, hija gusta u ghandha ghaldaqstant tigi kkonfermata, prevja c-cahda ta' l-appell interpost mill-atturi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess atturi appellanti;

Illi t-tezi ta' l-appellanti hija li kienu huma li xtraw dawn l-*appliances* u ghaldaqstant huma intitolati jitolbu r-rimborz ta' l-ispejjez inkorsi minnhom minghand l-intimati. Huwa sottomess li sabiex tirnexxi din it-tezi, l-atturi jridu jgibu prova li (i) verament inxtraw *appliances* godda; (ii) illi dawn l-*appliances* inxtraw u thallsu minnhom; (iii) illi huma ghaddew dawn l-*appliances* lill-intimati u mhux zammewhom jew iddisponew minnhom huma stess bi gwadann ghalihom infushom. Illi huwa sottomess bir-rispett li l-atturi ma ssodisfaw l-ebda wahda minn dawn it-tliet provi;

Illi l-intimati ma jistghux ma jirrilevawx li (i) ma gie prodott l-ebda rapprezentant ta' Vitel sabiex jikkonferma l-identita' tal-persuna li suppost irrilaxxjat l-*invoice* (dokument CG1); (ii) il-firma ta' din il-persuna hija llegibbli b'mod li ma jistax jigi kkonfermat min suppost kiteb "paid"; (iii) id-data li fiha suppost thallas il-bilanc ta' €1932 hija l-istess data li fiha nharget l-*invoice* u sar il-pagament tad-depositu ta' €500; (iv) l-*invoice* fiha kaxxa apposta fejn suppost tidhol informazzjoni dwar *"Fiscal Receipt No."* – din il-kaxxa baqghet qatt ma mtliet. Lanqas giet prodotta kopja tar-ricevuta fiskali; (v) l-atturi naqsu milli jressqu xhud minn Vitel sabiex jikkonferma li l-bejgh ta' dawn l-*appliances* effettivament verament sar; (vi) l-*invoice* in kwistjoni lanqas ma hija fuq isem l-atturi odjerni bensì fuq isem Alfred Abela – li jindika li, jekk verament inxtraw dawn l-*appliances*, kien Abela li xtrahom u prezumibbilment hallas ghalihom;

Illi finalment, fir-rikors ta' appell taghhom, l-atturi ma ddeducew l-ebda argument gdid la sabiex iwaqqghu l-konkluzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Onorabbli Qorti u lanqas sabiex jirribattu l-argument dedotti mill-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom bhala raguni l-ghala din il-parti mit-talba hija nfondata u ghandha tigi michuda;

Illi fir-rigward tas-senserija (i) l-atturi naqsu milli jipproducu bhala xhud lis-sensar sabiex jikkonferma jekk hux veru li huwa rcieva xi pagament minghandhom; (ii) l-atturi pprezentaw biss kopja ta' *cheque* (Nru. 35) li thallas lil "Clima 755"; (iii) ma kien jezisti ebda obbligu legali sabiex Grech ihallsu xi senserija la darba l-promessa ta' cessjoni ta' konvenju ffirmata bejn Grech u l-intimati ma gietx ezegwita; (iv) effettivament, mid-dokument CG3, ezebit mill-attur innifsu, flimkien mal-affidavit tieghu, irrizulta proprju li l-*"commission agreement"* bejn Grech u Andystowne gie *"cancelled"* minghajr ebda riferenza ghal xi hlas ta' €500 da parti ta' l-atturi lis-sensar;

Illi fir-rigward ta' l-imghaxijiet mitluba (i) l-attur ma pproducew lill-ebda rapprezentanti tal-bank taghhom sabiex jispjegaw kif, ghaliex u f'liema ammont l-

atturi kellhom ihallsu imghaxijiet lill-bank li, kieku sar il-kuntratt, huma ma kienux ser ihallsu; u (ii) li l-attur ma jaghti l-ebda spjegazzjoni tad-dokument GC4 ezebit mal-affidavit tieghu. Illi ma jghidx ghal liema perijodu suppost jirreferu l-hlasijiet ta' imghaxijiet "zejda" li huwa kien kostrett ihallas, u lanqas ma jaghti xi forma ta' spjegazzjoni kif dawn l-imghaxijiet "zejda" kienu relatati ma' xi allegat nuqqas da parti ta' l-intimati;

Il-qorti semghet it-trattazzjoni, rat l-atti nkluzi l-atti tal-kawza **Christopher Farrugia et vs Alfred Abela** (Rikors 294/2011FDP) deciza mill-istess qorti fis-16 ta' Dicembru 2013.

**<u>Kwistjoni</u>.**

1. L-atturi (appellanti) jippretendu hlas minghand il-konvenuti (appellati) ghal:-

   "*…xoghol ta' appalt rez fuq inkarigu tieghek fuq il-fond maisonette 28, Maranello, fi Triq San Pacifiku, Mosta u kif ukoll xi apparat mixtri f'ismek li ghadu ma thallasx*" (ara rikors promotur).

2. Jirrizulta li:-

   i. fl-14 ta' Ottubru 2010 il-kontendenti kienu ffirmaw konvenju li bih l-appellanti obbligaw ruhhom li jcedu lill-appellati d-drittijiet taghhom fuq konvenju li kellhom ghax-xiri tal-fond 28, Maranello, Triq San Pacifiku, Mosta. Ftehim li nhall permezz ta' skrittura (fol. 135).
   ii. Fit-18 ta' Ottubru 2010 l-appellati ffirmaw konvenju ghax-xiri tal-imsemmi fond minghand Alfred Abela (fol. 3).
   iii. Eventwalment il-bejgh ma sarx. L-appellati pproponew kawza kontra Alfred Abela sabiex ihallashom lura s-somma ta' €7,300, li thallset fuq il-konvenju. B'sentenza tas-16 ta' Dicembru 2013, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) laqghet it-talba u kkundannat lil Abela jhallas lura s-somma ta' €7,300.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>.**

1. L-appellanti bdew biex jilmentaw li l-ewwel qorti "*… wriet ruhha pregudikata fil-konfront ta' l-appellant minhabba li bdiet is-sentenza taghha billi tenniet illi din il-kawza hija konnessa ma' kawza ohra fl-ismijiet Christopher Farrugia vs Alfred Abela inizjata mill-intimati fil-proceduri odjerni fejn dawn talbu r-rifuzjoni ta' depozitu mhallas fuq konvenju*". Mill-atti hu evidenti li l-qorti ddecidiet il-kawza fuq il-provi li ressqu l-partijiet.

2. L-appellanti argumentaw li l-involviment ta' Alfred Abela kien biss wiehed marginali u li kien l-appellant li ghamel ix-xogholijiet. Hi x'inhi l-verita', jibqa' 'l

fatt li sid il-fond kien Alfred Abela. L-ezitu tal-kawza kien jiddependi minn jekk l-appellati tawx:

i) appalt lill-appellanti;

ii) struzzjonijiet lill-appellanti biex ghan-nom taghhom jixtrulhom mobbli;

3. L-appellanti jsostnu *invoices* m'humiex prova ta' min effettivament hareg il-flus. L-appellant Grech qieghed jippretendi li l-verzjoni tieghu hi l-unika verita'. Pero' l-ewwel qorti kellha kull dritt li taghmel riferenza ghall-*invoice*, li fih jinghad li x-xerrej kien Alfred Abela. Qalet sew l-ewwel qorti li: *"Dana d-dokument huwa **l-ahjar prova li turi min attwalment xtara l-appliances**, u jidher car illi f'ebda mument ma kienu r-rikorrenti li xtraw dawn l-appliances"*. F'dan ir-rigward ukoll, din il-qorti tirrileva li:-

i. L-appellati qatt ma xtraw mobbli minghand l-appellanti. Lanqas ma jirrizulta li talbu lill-appellant biex jixtri xi *appliances* godda. Hu stess xehed: *".... Kienu talbuni biex izommu l-appliances li kien hemm fil-kcina...."* (fol. 164). Kompla jghid li kien accetta li *".... kont ser inhalli l-appliances fil-post"* (fol. 164). Jekk hu hekk, il-qorti ma tifhimx x'kienet il-htiega li jinxtraw appliances godda;
ii. Fl-iskrittura ffirmata fl-14 ta' Ottubru 2010 (fol.133) jinghad: *"Inkluz ma' dan il-maisonette hemm fully fitted kitchen bl-appliances….."*. Kliem li jikkonfermaw li ma kienx hemm htiega li l-appellati jinkarigaw lill-appellanti biex ghan-nom taghhom jixtru appliances ghall-kcina;
iii. L-appliances inxtraw f'isem Alfred Abela (Dok. CG1 a fol. 169), tant li meta falla n-negozju ma nghata xejn lill-appellati. Fil-fatt l-appellant stess xehed: *"Jien ghandi nghid li **Dokument CG1 huma affarijiet li jiena kont xtrajt ghal Alfred Abela li jigi hatni"*** (enfazi tal-qorti)[fol. 36];
iv. Fi kliem l-appellant stess (ara affidavit), meta nnegozja mal-appellati qalulu li riedu li l-fond ikun jinkludi l-appliances li kien hemm fil-kcina u li l-faccata tad-dar tkun lesta. Skond l-attur accetta. Pero' sussegwentement ir-relazzjoni bejn il-kontendenti spiccat, tant hu hekk li l-konvenju nhall u fit-18 ta' Ottubru 2010 l-appellati ghamlu konvenju direttament ma' sid il-fond, Alfred Abela. Rilevanti wkoll li l-invoice (Dok. CG1) hi datata 28 ta' Ottubru 2010, igifieri wara li ma kienx ghadha baqa' relazzjoni kuntrattwali bejn il-kontendenti;
v. Fil-konvenju li l-appellati ffirmaw fit-18 ta' Ottubru 2010, jinghad: *"Inkluz ma' dan il-maisonette hemm il-mobbli deskritti fid-dokument hawn anness markat dokument ittra B"* (fol. 5). Fid-dokument "B" jissemmew appliances tal-kcina. Ghalhekk hu evidenti li l-appliances kienu accessorji li kellhom jinxtraw mal-post. In-negozju kien wiehed, izda l-att finali ma sarx.

M'hemmx dubju li jekk l-appellanti hallsu biex inxtraw appliances skond Dok. CG1, ghamlu hekk ghan-nom ta' Alfred Abela.

Fir-rigward ta' xoghol li l-appellant qal li ghamel fuq il-faccata, l-appellant xehed:

*"Fil-faccata qabbadt bajjad li fetahli l-fili u rega' kahhalhom fuq il-fil hu kesa taht il-gallarijiet u l-gemb tal-post ukoll. Il-faccata hija ta' 26 pied bi 18 il-filata. Ta' dan hadli €2,357 pero' m'ghandix ricevuta taghhom. Dam xi tnax-gurnata jahdem fuqha".*

F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:-

i. Ma jirrizultax li l-appellati taw appalt lill-appellant. Jidher li l-appellati riedu li meta jixtru l-fond, ikollu l-faccata lesta. Ix-xoghol fuq il-faccata kien parti ntegrali min-negozju ghax-xiri tad-dar. Tant hu hekk li fi klawzola 5 tal-konvenju tal-14 ta' Ottubru 2010, jinghad: *"Ic-cedent qieghed jobbliga ruhu a favur tal-akkwirenti illi jaccettaw **illi a spejjez tieghu** jaghmel il-faccata tal-maisonette fuq il-fil u dan sa zmien tlett (3) xhur mil-lum"* (fol. 134). Ghaldaqstant, fin-negozju li sar bejn l-appellant u l-appellati, ix-xoghol fuq il-faccata kellu jsir mill-appellant ghas-spejjez tieghu. Ghalhekk zgur li l-appellati ma taw l-ebda appalt lill-appellant. Negozju li eventwalment inhall bi qbil bejn l-appellant u l-appellati (ara skrittura a fol. 135).

ii. Fil-konvenju li l-appellati ffirmaw ma' Alfred Abela, jinghad: *"Il-venditur qieghed jobbliga ruhu a favur tal-kompraturi illi jaccettaw illi a spejjez tieghu jaghmel il-faccata tal-maisonette fuq il-fil u dana sa zmien tlett (3) xhur mil-lum"* (fol. 5). Fatt li jkompli jsahhah il-fehma tal-qorti li l-appellati qatt ma taw appalt lill-appellanti sabiex jaghmlu xoghol fuq il-faccata.

iii. Ma jirrizultax meta sar ix-xoghol li l-appellanti qalu li ghamlu fuq il-faccata. Madankollu l-qorti tifhem li sar wara li kien inhall il-ftehim bejn il-kontendenti meta tqies li fl-14 ta' Ottubru 2010 l-appellati ffirmaw konvenju mal-appellanti, u mbaghad fit-18 ta' Ottubru 2010 ffirmaw konvenju direttament mas-sid. Kwalsiasi xoghol li l-appellanti setghu ghamlu fil-faccata ghas-spejjez taghhom, sar fl-interess ta' Alfred Abela li fil-konfront tal-appellati kien obbliga ruhu li jlesti l-faccata a spejjez tieghu.

F'kull kaz, l-appellanti lanqas ma pprezentaw ricevuta tal-allegat hlas. Jekk ma kellhomx ricevuta, l-inqas li setghu jaghmlu kien li jharrku bhala xhud lill-persuna li suppost ghamlet ix-xoghol.

Fl-affidavit l-appellant semma wkoll spejjez ohra:-

*"…kont hallast €145 tal-geyser, €220 tal-hgieg li kien tat-tip triplex laminated bi hxuna ta' 6mm, u xi €50 tal-parakkwa"* (fol. 165).

Mill-provi ma rrizultax li l-appellati nkarigaw lill-appellanti biex jaghmlu dawn l-ispejjez. Kull ma qal l-appellant hu li l-appellat kien ilmenta dwarhom. Pero' qal ukoll li: *"…. Dwar dan ix-xoghol ma kienx sar ftehim fuqu"*. Skond il-verzjoni tal-appellant, jekk hi veru, ghalhekk l-ispejjez saru fuq inizjattiva personali tieghu. Ghaldaqstant, m'hemmx bazi legali ghal pretensjoni tal-appellanti. Spejjez li saru fil-proprjeta ta' Alfred Abela u skond l-appellant l-affarijiet baqghu fil-proprjeta'.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw quddiem l-ewwel qorti, issemmiet ukoll is-somma ta' €300 senserija lil certu Kim Apap. Il-qorti tosserva:-

i. Din il-pretensjoni m'ghandha x'taqsam xejn ma' appalt u xiri ta' mobbli. Il-kawza li pproponew l-appellanti ma tinkludix talba ghal spejjez relatati ma' senserija.
ii. Mill-affidavit tal-appellant ma rrizultax li hallas is-somma ta' €300 lil Kim Apap. Inoltre, Kim Apap ma tressqitx bhala xhud. Ghalkemm jirrizulta li l-appellant kien iffirma *Commission Agreement* ma' Andystowne (fol. 172), fuq l-istess dokument hemm il-kelma ***Cancelled***. Fatt li l-appellant stess ikkonferma meta sarlu l-kontro-ezami.
iii. Hu altru milli evidenti li c-cekk Dok. CG2 (fol. 170) m'ghandu x'jaqsam xejn ma' senserija. Dak ic-cekk inhareg fis-17 ta' Lulju 2011, favur "Clima 755" li m'ghandhiex x'taqsam ma' Andystowne. Ghalhekk meta l-appellant xehed: *"Qed nigi muri cekk a fol. 170 tal-process. Dak ic-cekk inkiteb mis-sensar u l-kumpannija Clima 755 jew x'inhi, hija d-ditta tas-sensar"* (fol. 37), ma qalx il-verita'. Mill-konvenji tal-14 u 18 ta' Ottubru 2010 jirrizulta li l-uniku sensar kienet Andystowne. Meta l-appellant deliberament jaghzel li ma jghidx il-verita' ma jistax jippretendi li l-qorti temmen dak li jghid.

4. Fl-ahharnett il-qorti taghmel riferenza ghal dik il-parti tar-rikors tal-appell fejn l-appellanti qalu:

*"Illi huwa rrilevanti illi meta eventwalment il-fond mertu tal-kawza inbiegh lil terzi rega' deher Alfred Abela. Dan kellu jsir bilfors b'dan il-mod minhabba illi ma kinex ghadu sar att pubbliku ta' trasferiment bejn Abela u l-appellanti. B'danakollu dan ma jfissirx illi ghal Alfred Abela u l-appellanti l-fond meritu*

*tal-kawza kien ghadu ta' Alfred Abela u kwindi isegwi illi huwa logiku li l-ispejjez isiru mill-appellanti".*

Xenarju li fih innifsu jfisser biss li kwalsiasi spejjez li setghu ghamlu l-appellanti, hadu l-beneficcju taghhom meta l-fond eventwalment inbiegh lil terzi.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.